MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Talba Numru. 528/2007

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Mayne Lee Nathan**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta` Gunju, 2007 fejn is-socjeta` attrici talbet li l-konvenut kellu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` Lm207.59 rapprezentanti ammont li kien ghadu dovut fuq is-servizz tat-telefon li jgib in-numru 21580399 (Account number 40065276), bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti ezebiti ma` l-istess avviz Dok. A, Dok. B u Dok. C.

Gie notat ukoll li ghalkemm il-konvenut kien legalment notifikat huwa baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Illi l-istess konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi biex jattendi ghas-seduta ta` llum huwa naqas li jidher.

Sema` x-xhieda moghtija minn Dr. Keith Grech fis-seduta ta` llum fejn ikkonferma b`dikjarazzjoni solenni illi l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` it-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallasha s-somma mitluba ta` €483.55c (Euros) gia` Lm207.59c, bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------